MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-14 ta' Diċembru, 2017

Rikors Maħluf Numru 334/15LM

**Proinvest Limited (C 25318)**

***vs.***

**(i) Joliet Technology SL (Reg. B63850549)**

**u**

**(ii) Joliet Technology France SARL (SIRET: 503 272 692 00024)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-14 ta' April, 2015 mis-soċjetà attriċi **Proinvest Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), maħluf minn Mark Micallef debitament awtorizzat fil-kwalità tiegħu ta' direttur għan-nom u fl-interess tas-soċjetà attriċi, li jgħid:

1. *Illi ai termini tal-kundizzjonijiet u obbligi pattwiti skont il-Proforma Invoice Nru 1711.10 (Dok. "PL1"[1]) is-soċjetajiet intimati, jew min minnhom, intrabtu illi jipprovdu is-segwenti fornitura wholesale lis-soċjetà rikorrenti:*

   (a) *erba' mija u għoxrin (420) Solar Panels PS250Wp bi prezz għal kull unit ta' erba' mija u tnejn u għoxrin Euro u ħamsin ċenteżmu (€422.50) il-wieħed u għal prezz totali ta' mija u sebgħa u sebgħin elf u erba' mija u ħamsin Euro (€177,450);*

   *u*

   (b) *Sunny Central inverter SMC SC100 indoor għal prezz ta' erbgħa u tlein elf u sitt mitt Euro (€34,600);*

   *għal prezz globali ta' mitejn u tnax-il elf u ħamsin Euro (€212,050) fuq bażi ta' CIF Valletta;*

2. *Illi skont l-istess proforma invoice il-pagamenti kellhom isiru kif ġej, ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) bil-quddiem ekwivalenti għal tlieta u ħamsin elf u tnax-il Euro u ħamsin ċenteżmu (€53.012.50), bil-bilanċ ta' mija disgħa u ħamsin elf, ħames mija u sebgħa u tletin Euro u ħamsin ċenteżmu (€159,537.50) li kellhom jitħallsu permezz ta' letter of credit jew b'transferiment bankarju fi żmien sittin (60) jum mill-avviż li ġew trasportati bil-baħar. Ix-xogħol kollu msemmi fil-proforma invoce kellu jiġi trasportat CIF Valletta fi żmien tlett (3) ġimgħat mill-ħlas tad-depożitu;*

3. *Illi l-modalità ta' pagament surreferit hu spjegat fl-istess Proforma Invoice:*

   *"Order Confirmation*

   *ORDERING DETAILS: Please sign and return this Proforma invoice by fax, email or post together with a payment of 25% of the order value by bank transfer to confirm your order. The balance of the order value is payable by international letter of credit or bank transfer at 60 days from notification of shipping."*

4. *Illi fil-fatt fis-16 ta' Aprtil, 2010, is-soċjetà rikorrenti għamlet transferiment bankarju favur l-intimat tal-ammont ta' tlieta u ħamsin elf u tnax-il Euro u ħamsin ċenteżmu (€53,012.50) (vide kopja tal-Outward Swift Transfer immakat bħala Dok. "PL2"[2]);*

---

[1] *A fol.* 7.
[2] *A fol.* 8 u 9.

5. *Illi minkejja, li l-modalità hawn fuq imsemmija, is-soċjetajiet intimati, jew min minnhom, unilateralment għażlu li jbidlu u jvarjaw l-istipulazzjonijiet ta' pagamenti pattwiti kuntrattwalment;*

6. *Irriżulta illi b'mod arbitrarju s-soċjetajiet intimati, jew min minnhom, ħadu u żammew id-depożitu ta' tlieta u ħamsin elf u tnax-il Euro u ħamsin ċenteżmu (€53,012.50) mingħajr ma fornew l-apparat u naqqsu milli jesegwixxu l-ftehim;*

7. *Illi minkejja diversi tentattivi da parti tas-soċjetà rikorrenti sabiex tinstab soluzzjoni bonarja, is-soċjetajiet intimati baqgħu inadempjenti;*

8. *Illi s-soċjetajiet intimati, jew min minnhom, naqsu milli jeżegwixxu l-ftehim u inoltre żammew id-depożitu b'mod irraġonevoli u inġustifikat;*

9. *Illi skont Artikolu 6.1 ta' Regulation (EC) No. 1896/2006, il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin għandha tkun determinata skont il-Liġijiet tal-Unjoni Ewropea, partikolarment ta' Regulation (EC) No. 44/2001.*

*Illi ai termini tal-Artikolu 1 ta' Regulation (EC) No. 44/2001, "This Regulation shall apply in civil and commercial matters whatever the nature of the court or tribunal."*

*Inoltre skont l-Artikolu 5.1(a) ta' Regulation (EC) No. 44/2001, "In matters relating to a contract, in the courts for the place of performance of the obligation in question."*

*Ulterjorment skont l-Artikolu 5.1(b) ta' Regulation (EC) No. 44/2001, "for the purpose of this provision and unless otherwise agreed, the place of performance of the obligation in question shall be:*

*- In the case of the sale of goods, the place in a Member State where, under the contract, the goods were delivered or should have been delivered";*

*Illi fil-każ odjern skont il-Proforma Invoice (Dok. PL1) il-fornitura kellha tiġi trasportata bil-baħar CIF Valletta fi żmien tlett (3) ġimgħat mill-ħlas tad-depożitu. Igħidu l-intimati għaliex dina l-Qorti m'għandhiex:*

*(i) Tiddikjara lill-intimati, jew min minnhom, responsabbli għall-ksur tal-kundizzjonijiet u obbligazzjonijiet pattwiti bejn il-partijiet;*

*(ii) Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, jirrifondu lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' tlieta u ħamsin elf u tnax il-Euro u ħamsin ċenteżmu (€53,012.50), rappreżentanti depożitu li sar mis-soċjetà rikorrenti skont it-termini pattwiti għall-fornitura li ma ġietx eżegwita mis-soċjetajiet intimati.*

*(iii) Tordna lill-intimati, jew min minnhom, jħallsu lis-soċjetà rikorrenti l-ammont ta' tlieta u ħamsin elf u tnax il-Euro u ħamsin ċenteżmu (€53,012.50).*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittri uffiċjali, u bl-imgħaxijiet legali, kontra l-intimati li huma nġunti minn issa in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa ta' Dr Joseph Camilleri *nomine* bħala mandatarju speċjali tas-soċjetajiet konvenuti **Joliet Technology SL** u **Joliet Technology France SARL**, (minn issa 'l quddiem "is-soċjetajiet konvenuti"), ippreżentata fit-22 ta' Lulju, 2015, li ġiet maħlufa minn Dr Joseph Camilleri kif debitament awtorizzat, li biha eċċepew:

1. *Illi preliminarjament, il-kumpannija konvenuta Joliet Technology France SARL għandha tiġi meħlusa mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi hija ma għandha ebda relazzjoni ġuridika mal-attriċi u għalhekk mhijiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet attriċi;*

2. *Illi preliminarjament ukoll, jidher li l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq l-allegata inadempjenza tal-eċċipjenti nomine li jikkonsenjaw merkanzija (solar panels) skont ftehim ta' bejgħ. Huwa eċċepit illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex l-attriċi ma setgħetx marte proprio mingħajr l-intervent tal-Qorti, tiddeċiedi illi l-kuntratt ta' bejgħ ġie xolt u tippretendi d-depożitu lura;*
3. *Illi fil-mertu, mhux minnu illi l-esponenti kisru kundizzjonijiet pattwiti bejn il-partijiet u naqsu li jfornu l-merkanzija mixtrija. Għall-kuntrarju, kif ser jirriżulta mill-provi mressqa, kienet l-attriċi illi m'ottemperatx ruħha mal-arranġament ta' ħlas miftiehem meta naqset li tipprovdi letter of credit pagabbli entro sittin ġurnata "from notification of shipping" kif kien oriġinarjament miftiehem bejn il-partijiet;*

4. *Illi mhux kontestat li kien hemm skambju bejn il-partijiet biex din il-vertenza tiġi riżolta amikevolment. Kemm hu hekk, il-konvenuta Joliet Technology SL ripetutament infurmat lill-attriċi illi s-solar panels mertu tal-kwestjoni kienu lesti biex jiġu shipped bil-prezz miftiehem, minkejja li dan kien ser ifisser telf għall-konvenuta (minħabba li fil-frattemp il-valur tal-Euro kien waqa' ħesrem). Kienet l-attriċi li kif irrealizzat illi tassew il-merkanzija kienet se tintbagħat, unilateralment iddikjarat illi "the deal is off", pretest ċar biex ma tħallasx il-bilanċ dovut minnha;*

5. *Illi l-esponenti tiddikjara illi l-ordni ta' solar panels għada disponibbli sal-lum stess, jekk l-attriċi trid. Dan dment li, naturalment jitħallas il-bilanċ tal-prezz bl-imgħaxijiet; fin-nuqqas l-esponenti jeċċepixxu illi d-depożitu għandu jinżamm mill-konvenuta Joliet Technology SL stante li kellu n-natura ta' non-refundable deposit;*

6. *Salv eċċezzjonijiet oħra permissibbli mil-liġi u b'riżerva għal kwalunkwe dritt li jista' jkollhom l-esponenti fil-konfront tal-attriċi fir-rigward il-kuntratt ta' bejgħ mertu tal-każ.*

*Dikjarazzjoni ta' fatti ai termini tal-artikolu 158(3)(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:*

1.1 *Illi preliminarjament, il-kumpannija konvenuta Joliet Technology France SARL għandha tiġi meħlusa mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi hija ma għandha ebda relazzjoni ġuridika mal-attriċi u għalhekk mhijiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet attriċi;*

1.2 *Illi dan jirriżulta mill-istess Pro-forma invoice eżebita mill-attriċi stess, u huwa ulterjorment konfermat mill-attriċi stess, u huwa ulterjorment konfermat mill-ittra uffiċjali tal-2011 illi hija indirizzata unikament lil Joliet Technology SL;*

1.3 *Illi għalhekk, fil-konfront ta' Joliet Technology France SARL, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attriċi;*

2.1 *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, u preliminarjament ukoll, jidher li l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq l-allegata inadempjenza tal-eċċipjenti nomine li jikkonsenjaw merkanzija (solar panels) skont ftehim ta' bejgħ;*

2.2 *Illi, jidher ukoll illi l-attriċi qiegħda tippreżumi illi l-kuntratt ġie xolt. F'dan ir-rigward, l-eċċipjenti jsostnu illi l-attriċi ma setgħetx marte proprio mingħajr l-intervent tal-Qorti, tiddeċiedi li l-kuntratt ta' bejgħ ġie xolt u tippretendi d-depożitu lura;*

2.3 *Illi, stante li l-attriċi qatt ma pproċediet għax-xoljiment tal-kuntratt, u anqas f'dawn il-proċeduri ma hija qed tressaq talba f'dan is-sens, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda;*

3.1 *Illi fil-mertu, mhux minnu illi l-esponenti kisru kundizzjonijiet pattwiti bejn il-partijiet u naqsu li jfornu l-merkanzija mixtrija. Għall-kuntrarju, kif ser jirriżulta fil-mori tal-proċeduri, kienet l-attriċi illi m'ottemperatx ruħha mal-arranġament ta' ħlas miftiehem meta naqset li tipprovdi letter of credit pagabbli entro sittin ġurnata "from notification of shipping" kif kien oriġinarjament miftiehem bejn il-partijiet;*

3.2 *Illi, fil-fatt, il-proforma invoice tgħid illi l-bilanċ tal-prezz għandu jitħallas tiġi provvduta letter of credit pagabbli entro sittin jum mill-proof of delivery. Kontra kull prassi u użanza fil-qasam però, l-attriċi għażlet li tinterpreta din il-kundizzjoni fis-sens illi l-letter of credit tista' tiġi provvduta wara li hija tirċievi l-merkanzija;*

4.1 *Illi mhux kontestat li kien hemm skambju bejn il-partijiet biex din il-vertenza tiġi riżolta amikevolment. Kemm hu hekk, il-konvenuta Joliet Technology SL ripetutament infurmat lill-attriċi illi s-solar panels mertu tal-kwestjoni kienu lesti biex jiġu shipped bil-prezz miftiehem. Fil-verità, minħabba t-titubanzi tal-attriċi, il-konvenuta kienet ser tispiċċa tagħmel telf (għaliex fil-frattemp il-valur tal-Euro kien waqa' ħesrem). Ċiò nonostante, il-konvenuta baqgħet lesta li tagħmel il-parti tagħha u twettaq il-konsenja tal-merkanzija. (Ara skambju ta' emails Dok. JT 1[3]);*

4.2 *Ġara illi hekk kif l-attriċi irrealizzat illi tassew il-merkanzija kienet se tintbgħat, unilateralment iddikjarat illi "the deal is off", pretest ċar biex ma tħallas il-bilanċ dovut minnha;*

4.3 *Xhieda tan-nuqqas ta' rieda tajba tal-attriċi huwa wkoll il-fatt illi f'mument minnhom l-attriċi kienet ippruvat tilħaq ftehim direttament mal-kumpannija*

[3] *A fol.* 172 sa 174A.

*manifatturatriċi tas-solar equipment Philadelphia Solar tal-Ġordan imma anke ma' dawn tal-aħħar naqset illi tipprovdi letter of credit kif miftiehem;*

5.1 *Illi l-esponenti tiddikjara illi l-ordni ta' solar panels għadha disponibbli sal-lum stess, jekk l-attriċi trid. Dan dment li, naturalment jitħallas il-bilanċ tal-prezz bl-imgħaxijiet; fin-nuqqas l-esponenti jeċċepixxu illi d-depożitu għandu jinżamm mill-konvenuta Joliet Technology SL stante li kellu n-natura ta' non-refundable deposit;*

5.2 *Illi kemm hu hekk, Joliet Technology SL stess ħallset depożitu lill-kumpannija manifatturatriċi tas-solar equipment – Philadelphia Solar – liema depożitu ma ġiex ritornat;*

6.1 *Inoltre, ai termini tal-artikolu 158(3)(ċ) tal-Kap. 12, jiġi dikjarat illi fid-dawl tas-suespost, il-fatti dikjarati mill-esponenti huma kontestati u jeħtieġ illi jiġu ppruvati.*

Rat il-verbal tal-udjenza tat-8 ta' Ottubru, 2015 fejn l-avukati difensuri tal-partijiet qablu illi l-eċċezzjonijiet preliminari ta' natura legali mqajma mis-soċjetajiet konvenuti, għandhom jiġu ttrattati flimkien mal-mertu tal-kawża.

Rat in-nota ppreżentata fid-19 ta' April, 2017 mill-avukati difensuri tas-soċjetà konvenuta Joliet Technology SL li permezz tagħha rrinunzjaw għall-patroċinju tal-istess soċjetà peress li din ġiet sottoposta għall-proċeduri ta' *temporary closure* ġewwa Spanja u b'hekk ġie terminat l-operat tagħha.[4]

Rat in-nota tas-6 ta' Novembru, 2017 fejn Dr Joseph Camilleri ddikjara li minħabba li ma rnexxilux jagħmel kuntatt mad-diretturi tas-soċjetà konvenuta Joliet Technology France SARL, kien qiegħed jirrinunzja għall-patroċinju tagħha u għall-mandat mogħti lilu bħala mandatarju speċjali tagħha.

[4] Ara dokument *a fol.* 383 u 384.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Novembru, 2017 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Il-partijiet mhumiex qegħdin jaqblu dwar l-interpretazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-obbligazzjonijiet tal-bejgħ ta' merkanzija konsistenti f'420 pannelli solari u *inverter*, u dwar min mill-partijiet kiser dawn il-kundizzjonijiet. Is-soċjetà attriċi qiegħda tallega li l-ftehim abbazi tal-kundizzjonijiet fil-*proforma invoice* bejnha u s-soċjetàjiet konvenuti jew min minnhom, għall-konsenja ta' 420 pannelli solari u ta' *inverter*, ma ġiex onorat mis-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom, 'il għaliex minkejja li s-soċjetà attriċi kienet ħallset 25% tal-prezz akkont permezz ta' *bank transfer* skont il-kundizzjonijiet pattwiti, is-soċjetàjiet konvenuti jew min minnhom naqsu li jfornu l-merkanzija meta din suppost kellha tiġi *shipped* fi żmien tliet ġimgħat mill-ħlas tad-depożitu, filwaqt li l-bilanċ kellu jitħallas fi żmien sittin ġurnata min-notifika tax-*shipping* tal-merkanzija, permezz ta' *international letter of credit* jew permezz ta' *bank transfer*. Għalhekk is-soċjetà attriċi qiegħda titlob li s-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom jiġu dikjarati responsabbli għall-ksur tal-kundizzjonijiet u obbligazzjonijiet pattwiti bejn il-partijiet l-kuntratt u li jiġu kkundannati

jirrifondu s-somma mħallsa lilhom bħala depożitu mis-soċjetà attriċi skont it-termini pattwiti għall-fornitura li ma ġietx eżegwita mis-soċjetajiet konvenuti.

Min-naħa tagħhom is-soċjetajiet konvenuti eċċepew preliminarjament illi s-soċjetà konvenuta Joliet Technology France SARL għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju għax ma kien hemm ebda relazzjoni ġuridika bejnha u bejn is-soċjetà attriċi, stante li l-ftehim kien biss mas-soċjetà konvenuta Joliet Technology SL u li s-soċjetà attriċi ma setgħetx *marte proprio* tiddikjara l-kuntratt xolt qabel ma tingħata dikjarazzjoni mill-Qorti dwar ix-xoljiment tal-kuntratt u tiġi ordnata r-rifużjoni tad-depożitu, liema dikjarazzjoni lanqas biss intalbet mis-soċjetà attriċi fir-Rikors Maħluf tagħha. Is-soċjetajiet konvenuti jikkontendu wkoll li ma kinux huma li kisru l-kundizzjonijiet tal-ftehim, iżda kienet s-soċjetà attriċi li naqset li tipprovdi *letter of credit* irrevokabbli pagabbli entro sittin ġurnata *"from notification of shipping"* kif kien oriġinarjament miftiehem bejn il-partijiet. Is-soċjetajiet konvenuti jgħidu li għadhom disposti li jibagħtu l-merkanzija lis-soċjetà attriċi jekk din tħallas il-bilanċ tal-prezz bl-imgħaxijiet. Fin-nuqqas is-soċjetà attriċi għandha titlef id-depożitu li ħallset li skont is-soċjetajiet konvenuti kien *a non-refundable deposit.*

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

**Mark *sive* Markus Micallef**, direttur tas-soċjetà attriċi, fl-*affidavit* tiegħu jispjega[5] li huma kellhom ordni minn Tony Critien, direttur maniġerjali ta'

[5] *A fol.* 54 sa 58.

Sigma Coatings Limited għall-installazzjoni ta' apparat fotovoltajku fuq il-bjut tal-fabbrika u dwar din l-ordni kien beda negozjati mal-konvenuti. Ix-xhud jgħid li Joilet Technology kienet ser tforni kemm il-pannelli u anki l-*inverter* li jibdel il-kurrent elettriku minn DC għal AC. Markus Micallef jgħid li kien għażel li jaħdem ma' Joilet Technology għaliex din irreklamat li tipprovdi pannelli tas-soċjetà Philadelphia Solar tal-Ġordan li għandha reputazzjoni tajba fil-manifattura tal-pannelli. Il-ftehim kien għax-xiri ta' 420 pannelli fotovoltajċi tat-tip PS250Wp għall-prezz ta' €422.50 il-wieħed u ta' *inverter* tat-tip Sunny Central SMA SC100 *indoor* għall-prezz ta' €36,000, għall-prezz kumplessiv ta' €212,050 skont fattura *proforma* esebita mar-Rikors Maħluf.[6] Ix-xhud spjega li l-kundizzjonijiet l-oħrajn kif jirriżultaw mill-fattura *proforma* kienu li (1) kellu jitħallas depożitu ta' 25% tal-prezz ekwivalenti għal €53,012.50 permezz ta' *bank transfer*; (2) l-bilanċ ta' €159,537.50 kellu jitħallas permezz ta' *letter of credit* jew permezz ta' *bank transfer;* (3) dan il-ħlas kellu jsir fi żmien sittin jum *"from notification of shipping"* tal-merkanzija; (4) liema *shipping* fuq bażi ta' CIF Valletta kellu jsir fi żmien tlett ġimgħat mid-data tal-ħlas tad-depożitu.

Markus Micallef jispjega li fis-16 ta' April, 2010 awtorizza it-transferiment tad-depożitu permezz tal-APS Bank[7] u kellu konferma permezz ta' *e-mail* datata 19 ta' April, 2010 mingħand Paul Brown li l-flus kienu rċevewhom.[8] F'*e-mail* l-għada[9], Paul Brown informa lil Markus Micallef li kienu bdew bil-manifattura tal-pannelli ordnati, u infurmah ukoll li kellhom problema bl-*inverter* tat-tip ordnat mis-soċjetà attriċi għax seta' jkun hemm dewmien fil-konsenja tiegħu

[6] *A fol.* 7. Il-*proforma invoice* kienet fuq *letter-head* ta' Joliet Technology SL, T/A Philadelphia Solar, bl-indirizz fi Spanja u bl-*e-mail:* contact@philadelphia-solar.eu. Il-*bank details* kienu jagħmlu riferiment għal kont f'isem Joliet Technology SL b'indirizz tal-bank fi Spanja.
[7] *A fol.* 60
[8] *A fol.* 61. L-*e-mails* kellhom taħt isem Paul Brown – www.joliet-europe.com, info@juliet-europe.com, Joliet Technology SL - Joliet Technlogy France SAS.
[9] *A fol.* 62.

u ssuġġerixxa li s-soċjetà attriċi tmur għal tip ieħor ta' *inverter*. Marcus Micallef wieġeb[10] li huma ma setgħux jaċċettaw illi jinbidel l-*inverter* peress li huma kienu applikaw għan-nom tal-klijent tagħhom għal *rebate* li l-Gvern dak iż-żmien kien qed jagħti permezz tal-Malta Enterprise lil min jinstalla pannelli fotovoltajiċi u ma setgħux ibiddlu l-ispeċifikazzjonijiet tal-*inverter* li kien ġie indikat fl-applikazzjoni għar-*rebate*. Micallef jgħid li xtaq jiltaqa' ma' Brown għax beda jinkwieta dwar l-*inverter* u jgħid li meta ma rnexxilux jikkuntattjah bit-telefon, kien bagħatlu l-*e-mails* datati 3 ta' Mejju, 2010 u 5 ta' Mejju, 2010.[11] Meta Brown talab lil Micallef għal-*letter of credit,*[12] Micallef wieġbu[13] li skont il-*proforma invoice,* huma setgħu jagħmlu *letter of credit* jew iħallsu permezz ta' *bank transfer* fi żmien sittin jum *"from notification of shipping"* tal-merkanzija. Min-naħa tiegħu Brown wieġeb[14]:

> *"I think that there has been a misunderstanding. We requested payment of the balance of your order by letter of credit. This letter of credit must be put into place and lodged with our bank prior to the release of the goods.*
>
> *The letter of credit guarantees payment to us by your bank at a specified date....";*[15]
>
> *"I apologize if our terms are confusing. In fact the option to pay by bank transfer refers ONLY to the deposit, the balance payment is always made by letter of credit."*[16]

[10] Ara l-*e-mail* ta' Markus Micallef tal-20 ta' April, 2010 u r-risposta ta' Brown dakinhar stess: *"Ok, noted. We will do our best.", a fol.* 63.
[11] *A fol.* 64 u 65.
[12] *A fol.* 65.
[13] *A fol.* 66.
[14] *A fol.* 66.
[15] *A fol.* 66, *e-mail* datata 10 ta' Mejju, 2010.
[16] *A fol.* 67, *e-mail* datata 11 ta' Mejju, 2010.

Meta fit-12 ta' Mejju, 2010[17] Micallef talab lil Brown għall-*bill of lading* peress li kienet skadiet id-data meta l-merkanzija kellha tiġi *shipped* skont il-ftehim, Brown wieġeb lura permezz ta' *e-mail* datata 17 ta' Mejju, 2010[18] li huma ma setgħux jipprovdu din id-dokumentazzjoni qabel ma s-soċjetà attriċi tipprovdi l-*letter of credit* jew il-ħlas innifsu b'*bank transfer.*

Markus Micallef jgħid illi kien bagħat *e-mail* lill-*partners* tas-soċjetà konvenuta, Philadelphia Solar jilmenta dwar dak li kien ġara u fejn issuġġerixxa li jsir ftehim ġdid ma' Philadelphia Solar u sabiex jittrattaw magħhom direttament dwar il-pannelli u jibqgħu jittrattaw ma' Joliet Technology biss għar-rigward tal-in*verter.*[19] Micallef jgħid li s-soċjetà attriċi kienet disposta li tipprovdi lil Philadelphia Solar bil-*letter of credit* hekk kif ikollha kopja tas-*shipping documents* u x-*shipping* kellu jsir mhux aktar tard mill-15 ta' Lulju, 2010. Micallef jgħid li Philadelphia Solar kienu disposti li jaċċettaw dan.[20] Ix-xhud jgħid li l-inġinier Shehadeh ta' Philadelphia Solar kien anki għamel kuntatt ma' rappreżentant tas-soċjetà konvenuta Joliet Technology SL waqt fiera tat-teknoloġija f'Munich, ċertu William Adams, li ammetta miegħu li s-soċjetà attriċi kellha raġun u dan aċċetta wkoll li jiffirmaw ftehim ġdid. Micallef jgħid li għal xi raġuni Joliet Technology ma ffirmatx il-ftehim ġdid u sussegwentement ma rnexxilux jerġa' jagħmel kuntratt mas-soċjetajiet konvenuti. Micallef ippreżenta wkoll kopja tal-kwerela li s-soċjetà attriċi għamlet kontra s-soċjetà konvenuta Joliet Technology SL datata 19 ta' Frar,

---

[17] *A fol.* 68.
[18] *A fol.* 68.
[19] *A fol.* 69.
[20] Ara *e-mails* tal-inġinier Mohammed Shehadeh għal Philadelphia Solar, *a fol.* 76 sa 78.

2013[21] u kopja ta' ittra uffiċjali datata 30 ta' Marzu, 2011 mibgħuta lis-soċjetà konvenuta Joliet Technology SL.[22]

Mark Micallef f'*affidavit* addizjonali[23] jgħid li l-korrispondenza elettronika li għaddiet bejn Joliet u Proinvest kienet intbagħtet permezz ta' *server* fi Franza u anki t-telefonati bejn il-partijiet kienu saru min-numri reġistrati ġewwa Franza. Markus Micallef jgħid illi skont *e-mail* mibgħuta minn Paul Brown fit-12 ta' April, 2010[24] bħala parti mid-diskussjonijiet qabel ma ġiet aċċettata l-*proforma invoice* mis-soċjetà attriċi, jirriżulta li l-intendiment bejn il-partijiet kien li apparti l-ħlas tad-depożitu, il-bilanċ kellu jitħallas:

> *"In view of the temporary increase in the deposit payment, we are happy to extend the credit payment period for the balance payment to 60 days by bank transfer or letter of credit on presentation of shipping documents. We will revert to our original conditions as soon as we see the currency stabilize."*

Markus Micallef żied jgħid li meta Joliet bagħtu l-*proforma invoice*[25] permezz ta' *e-mail*, kienu diġà bidlu l-ftehim li kien ġie milħuq mal-ordni. Fl-*e-mail* imsemmija tat-12 ta' April, 2010 Joliet talbu depożitu akbar minn 10% kif kien maqbul għal 25%, għax skont huma d-dollaru kien volatili. Dwar il-kwistjoni tal-*inverter* alternattiv, Markus Micallef jgħid li Joliet kienu qalulu li l-ħlas kellu jsir mingħajr kreditu.[26] Micallef jgħid li minn riċerki li għamlet is-soċjetà attriċi permezz tal-impjegat tagħha James Delia, irriżulta li l-*inverter* ordnat mis-soċjetà attriċi kien obsolet u ma kienx għadu jiġi manifatturat aktar, anki fi

[21] *A fol.* 80 sa 82.
[22] *A fol.* 83.
[23] *A fol.* 261 u 262.
[24] *A fol.* 263, mibgħuta minn Paul Brown.
[25] *A fol.* 265 b'depożitu.
[26] Ara *e-mail a fol.* 268.

żmien meta kien sar il-ftehim. Ix-xhud jgħid li mid-dokumentazzjoni li esebixxa mat-tieni affidavit tiegħu[27] jidher ċar li l-konvenuti kienu qed jittantaw ibiddlu l-prezzijiet li kienu ġew miftiehma minħabba ċaqliq fir-rata tal-kambju bejn l-Euro u d-dollaru. Micallef esebixxa dokumentazzjoni mir-Reġistru tal-Kumpanniji Kummerċjali ta' Spanja[28], minn fejn jirriżulta li l-aħħar darba li s-soċjetà konvenuta Joliet Technology SL ippreżentat l-*accounts* tagħha kien fl-2007. Markus Micallef esebixxa żewġ *e-mails* ta' ex klijent tas-soċjetà konvenuta Joliet Technology SL li juru li din kienet qed timxi ma' dan il-klijent bl-istess mod kif kienet imxiet mas-soċjetà attriċi.[29]

In kontroeżami Markus Micallef jgħid[30] li sar jaf bis-soċjetà konvenuta Joliet Technology SL mill-internet. Huwa kien ilu fin-negozju imma din kienet l-ewwel biċċa xogħol tiegħu għal dak li huwa apparat fotovoltajiku. Ix-xhud jgħid li kien ikkomunika direttament ma' Philadelphia Solar għax id-dettalji tagħha kienu fuq il-*website* ta' Joliet Technology u qal meta ltaqa' mal-inġinier Shehadeh, dan qallu li huma rċevew mill-konvenuti 10% biss tad-depożitu. Ix-xhud jgħid li lill-klijent tagħhom Sigma Coatings spiċċaw kellhom jixtrulu l-pannelli u l-*inverter* minn għand terzi, però s-soċjetà attriċi baqgħet ma ħaditx lura d-depożitu li kienet ħalset lil Joilet Technology SL.

Ix-xhud **Anthony Critien**[31], direttur maniġerjali ta' Sigma Coatings (Malta) Limited, fl-affidavit tiegħu jgħid li kien sar jaf b'Markus Micallef u bis-soċjetà attriċi meta kienu għamlulhom xogħol ta' *design* u *project management* meta kienu ttrasferew il-fabbrika tagħhom f'Kordin fl-2002. Għall-ħabta tal-

[27] *E-mails a fol.* 271 sa 302.
[28] *A fol.* 303 sa 306.
[29] *A fol.* 307 u 308.
[30] *A fol.* 361A sa 361E.
[31] *A fol.* 321 u 322.

2009/2010 kienu talbu lis-soċjetà attriċi tgħamlilhom studju dwar il-pannelli fotovoltajiċi bil-ħsieb li jiffrankaw mill-kontijiet tal-elettriku. Ix-xhud semma l-iskema li kien ħareġ il-Gvern dak iż-żmien għal sussidji fuq dawn il-proġetti. Fid-dokumentazzjoni li esebixxa x-xhud[32], jirriżulta li s-soċjetà konvenuta Joliet Technology SL kienet indikata bħala s-*supplier* fid-dokumentazzjoni fejn intalab is-sussidju. Ix-xhud jgħid li dan l-apparat qatt ma wasal u s-soċjetà attriċi kellha ġġib apparat differenti mingħand xi ħaddieħor, u dan il-proġett kien ittardja u kien intilef is-sussidju mill-Gvern.

In kontroeżami **Anthony Critien** jgħid[33] li kien ħalla f'idejn Markus Micallef biex jagħmlilhom ir-riċerki dwar il-pannelli fotovaltajiċi u hu ma kellux x'jaqsam mas-soċjetajiet konvenuti. Ix-xhud jgħid li huma spiċċaw tilfu s-sussidju tal-Gvern għax wara li s-soċjetà attriċi kienet biddlet is-*suppliers* u kellhom ibiddlu wkoll l-ispeċifikazzjonijiet tal-apparat, kien tard wisq biex jieħdu s-sussidju.

**David Harris Cutajar**, impjegat tas-soċjetà attriċi u *site supervisor* għall-proġett ta' Sigma Coatings, fl-*affidavit* tiegħu jgħid[34] illi s-soċjetà attriċi kellha problemi mas-soċjetà konvenuta, minkejja li kien tħallas depożitu. L-*inverter* ordnat mis-soċjetà attriċi ma kienx għadu qiegħed jiġi manifatturat u dan kien saru jafu mill-kollega tax-xogħol tiegħu James Delia. Minħabba f'hekk tħarbtulhom il-pjanijiet li kienu indikaw fl-applikazzjoni mal-Malta Resources Authority. Markus Micallef qallu li Joliet Technology riedet aktar flus għal *inverter* differenti. Markus Micallef kien mar il-Ġermanja biex jipprova jsolvi l-

---

[32] *A fol.* 323 sa 332.
[33] *A fol.* 373 sa 375.
[34] *A fol.* 333 u kontroeżami *a fol.* 365 sa 367.

problema u x-xogħol eventwalment ittardja u lill-klijent tellfuh is-sussidju li kien qed joffri l-Gvern dak iż-żmien.

In kontroeżami, David Harris Cutajar ikkonferma li dan kien l-ewwel proġett tagħhom fl-installazzjoni ta' pannelli fotovoltajiċi. Ix-xhud jgħid li qatt ma kellu kuntatt dirett mas-soċjetajiet konvenuti u li dak li jaf kien mill-*e-mails* li kien ra u sa fejn jaf hu ma kinitx instabet soluzzjoni għall-problema li nqalgħet mas-soċjetajiet konvenuti.

Xehed ukoll **Arthur Ciantar**, konsulent tekniku mas-soċjetà attriċi u *consulting electrical engineer* fil-proġett ta' Sigma Coatings. Fl-affidavit tiegħu x-xhud jgħid li[35] kien hemm dewmien minn Joliet Technology u huwa kellu saħansitra jbiddel l-ispeċifikazzjonijiet li kien indika fid-dokumentazzjoni li kienet intbagħtet lill-Malta Resources Authority peress li l-*inverter* li kellha tissupplixxi Joliet Technology kien ġie *"discontinued".* Ix-xhud jgħid li huwa ma kienx ra dokumentazzjoni li turi li l-apparat kien *"ready for shipment".* Ciantar jgħid li minħabba t-tibdil fl-i*specifications,* is-sussidju lil Sigma Coatings kien ġie ppreġudikat u ma kienx ingħata lil Sigma.

In kontroeżami x-xhud jgħid li xogħlu kien bħala konsulent tekniku u huwa ma kienx impjegat tas-soċjetà attriċi. Hu kien jittratta biss mal-klijent tiegħu Markus Micallef u bħala tekniku ma kienx jidħol fi kwistjonijiet ta' finanzi u ta' *shipping documents.* Imma normalment ix-*shipping documents* kienu jkunu mad-dokumentazzjoni li kienet tiġi mgħoddija lilu. F'dan il-każ ma kienx ingħata ebda dokumentazzjoni dwar *shipping.*

[35] *A fol.* 334 u kontroeżami *a fol.* 368 sa 371.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Illi qabelxejn se tiġi ttrattata l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetajiet konvenuti illi l-kumpannija konvenuta Joliet Technology France SARL għandha tiġi meħlusa mill-osservanza tal-ġudizzju *stante* illi hija ma għandha ebda relazzjoni ġuridika mal-attriċi u għalhekk mhijiex il-leġittimu kontradittur.

Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo *et vs.* Jason Azzopardi *et***[36] fejn ġie ritenut li:

> "Biex jiġi stabbilit jekk parti in kawża kienetx jew le leġittimu kontradittriċi tal-parti l-oħra, l-Qorti trid bilfors tivverifika *prima facie* jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.
>
> Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idonea biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi għaliha, jekk provati, setgħu iwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeċiedi li l-konvenut kien ġie sewwa ċitat inkwantu jkun stabbilit li l-interess ġuridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu neċessarjament ikun finalment tenut bħala l-persuna responsabbli biex tirrispondi għat-talbiet attriċi kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attriċi kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża.

[36] Q.A., 05.10.2001.

> Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawża tkun leġittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setgħetx, fil-konsiderazzjoni tal-eċċezzjonijiet opposti għat-talbiet, tasal għall-konkluzzjoni li l-konvenut - dikjarat *prima facie* leġittimu kontradittur - kien wara t-trattazzjoni tal-kawża jirriżulta għal kollox estranju għar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata."

Tqis illi s-soċjetà attriċi *ex admissis* kienet saret taf bis-soċjetà konvenuta Joliet Technology SL minn fuq l-*internet* u m'hemm ebda dubju li hija kienet qed tittratta ma' din kumpannija rigward l-ordni mertu tal-kawża. Il-*proforma Invoice* kienet issemmi lis-soċjetà Joliet Technology SL u kienet issemmi wkoll soċjetajiet oħrajn ma' min din kienet sħab, imma mill-provi prodotti ma hemm xejn x'juri li Joliet Technology SL kienet qed tikkontratta mas-soċjetà attiċi *tramite* xi soċjetà oħra sussidjarja jew assoċjata magħha fi Franza. Is-soċjetà attriċi ttentat din il-kawża kontra wkoll is-soċjetà konvenuta Joliet Technology France SARL għax fid-diskussjonijiet li kienu saru, kien issemma li s-soċjetà konvenuta Joliet Technology SL kellha wkoll impjant fi Franza u fil-*format* tal-korrispondenza bl-*e-mail* bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà konvenuta Joliet Technology SL hemm imsemmija wkoll is-soċjetà konvenuta Joliet Technology France SARL. Markus Micallef kien irriżultalu li kemm l-*e-mails* u kemm it-telefonati kienu oriġinaw minn Franza. Min-naħa l-oħra mill-provi prodotti m'hemm xejn x'jindika li l-kuntratt inkwistjoni kien b'xi mod jorbot ukoll lis-soċjetà konvenuta Joliet Technology France SARL. Il-*proforma invoice,* wara li ġiet iffirmata u aċċettata mis-soċjetà attriċi, saret kuntratt bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà konvenuta Joliet Technology SL. Anki d-depożitu, skont il-*proforma invoice* kellu jsir u tħallas fl-*account* tas-soċjetà konvenuta Joliet Technolgy SL u *tramite* l-bank tagħha fi Spanja. Tqis għalhekk

li ma ġiex ippruvat li s-soċjetà konvenuta Joliet Technolgy France SARL kienet b'xi mod involuta f'din il-kontrattazzjoni mas-soċjetà attriċi Proinvest Limited.

Mill-provi prodotti ma jirriżultax jekk l-istruttura interna taż-żewġ soċjetajiet konvenuti kinitx tali li dawn b'xi mod kellhom jirrispondu għall-obbligazzjonijiet ta' xulxin. Tqis għalhekk li l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetajiet konvenuti hija mistħoqqa u s-soċjetà Joliet Technology France SARL għandha tiġi liberata mill-osservaza tal-ġudizzju bl-ispejjeż tal-istess soċjetà konvenuta kontra s-soċjetà attriċi.

Illi kwantu għat-tieni eċċezzjoni preliminari tas-soċjetajiet konvenuta li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex l-attriċi ma setgħetx *marte proprio* mingħajr l-intervent tal-Qorti tiddeċiedi illi l-kuntratt ta' bejgħ ġie xolt u tippretendi l-ħlas lura tad-depożitu u dan meta lanqas ma talbet fir-Rikors Maħluf, tqis illi skont l-artikolu 1068 tal-Kodiċi Ċivili:

> "**1068.** Il-kondizzjoni riżoluttiva tingħadd dejjem bħala li ġiet magħmula fil-kuntratti bilaterali, fil-każ li waħda mill-partijiet tonqos għall-obbligazzjoni tagħha:
>
> Iżda, f'dak il-każ, il-kuntratt ma jinħallx *ipso jure*, u l-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tagħti żmien xieraq lill-konvenut, bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi dwar il-kuntratt tal-bejgħ."

Imma l-każ odjern jittratta relazzjoni kuntrattwali kummerċjali bejn soċjetajiet kummerċjali bil-għan ta' kummerċ[37] u għalhekk japplika l-artikolu 117 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kapitolu 13), li jipprovdi li:

[37] L-artikolu 5 tal-Kap. 13 dwar atti ta' kummerċ.

> "**117.** Fil-kuntratti kummerċjali, il-kondizzjoni riżoluttiva taċita imsemmija fl-artikolu 1068 tal-Kodiċi Ċivili tħoll il-kuntratt *ipso jure*, u l-qorti ma tistax tagħti żmien lill-konvenut sabiex jiġi meħlus mill-*mora*:
>
> Iżda dan l-artikolu ma japplikax għal kuntratti ta' kiri ta' proprjetà immobbli jew għal kuntratti ta' enfitewsi jew għal kuntratti li l-ħall tagħhom, fil-każ ta' nuqqas ta' waħda mill-partijiet milli tħares l-obbligi tagħha, jkun regolat b'liġi b'mod speċjali."

Għaldaqstant ladarba t-talbiet tas-soċjetà attriċi huma msejsa fuq kuntrattazzjoni ta' natura kummerċjali, it-tieni l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjetajiet konvenuti m'għandhiex titqies li hija ġuridikament valida. Fis-sentenza fl-ismijiet **Adrian Busietta *pro et noe vs.* Philip O. Gatt *pro et noe***[38], ġie ritenut:

> Illi mill-**artikolu 117** kif emendat illum jirriżulta li l-effetti tal-istess artikolu ma japplikawx għall-kuntratti hemm imsemmija bħala kuntratti ta' kiri ta' proprjetà immobbli jew għall-kuntratti ta' enfitewsi jew "għall-kuntratti li l-ħall tagħhom, fil-każ ta' nuqqas ta' waħda mill-partijiet li tħares l-obbligi tagħha, jkun regolat b'liġi mod speċjali". Ħlief għal dawn l-eċċezzjonijiet imsemmija fil-liġi (kemm ċivili u kemm kummerċjali) l-artikolu in eżami huwa ċar u ma għandux ikun hemm derogi minnu ħlief fil-każi ndikati mil-liġi. Illi jingħad finalment għal kompletezza illi "il-patt kommissorju, meta javvera ruħu, huwa bħal kondizzjoni riżoluttiva, għandu effett retroattiv saħansitra fil-konfront tat-terzi" (**Pacifici Mazzoni**, ***Istituzioni***, **Vol. IV**, paġ. 176) ċitat b'approvazzjoni fil-kawża fl-ismijiet **Emmanuele Falzon *noe vs.* Avv. Dr. Joseph A. Micallef *et noe*** deċiża minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fit-23 ta' Mejju, 1953."

Tqis illi jekk fil-każ odjern jiġi ppruvat li kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt inkwistjoni, dan seta' jiġi xolt *ipso jure* mingħajr il-ħtieġa tal-intervent tal-Qorti u dan mill-mument li kien hemm il-ksur tiegħu.

[38] P.A., 28.10.2003.

Fit-tieni eċċezzjoni jingħad ukoll mis-soċjetajiet konvenuti li s-soċjetà attriċi lanqas biss talbet ir-rexxissjoni tal-kuntratt fit-talbiet tagħha. Is-soċjetà attriċi fil-fatt talbet li tingħata dikjarazzjoni dwar il-ksur tal-kundizzjonijiet kuntrattwali u jekk din it-talba tiġi milqugħa, ikun ifisser li l-kuntratt ġie xolt *ipso jure* b'mod retroattiv. It-talbiet sussegwenti fir-Rikors Maħluf għalhekk isegwu u jinftiehmu perfettament u ma jistax jingħad li l-imsemmi nuqqas, jekk huwa nuqqas għandu b'xi mod jimporta n-nullità tar-Rikors Maħluf. Fuq kollox skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, biex nuqqas iwassal għan-nullità ta' atti gudizzjarji, jeħtieġ li n-nuqqas ikun tali li ma jistax jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali.[39] Biex tiġi dikjarata nulla ċitazzjoni u jitwaqqaf il-kors tagħha, difett proċedurali ma jġibx in-nullità tal-att jekk il-parti l-oħra ma tbatix xi preġudizzju serju.[40] Biex tiġi dikjarata nulla ċitazzjoni u jitwaqqaf il-kors tagħha, jinħtieġ li jkunu jikkonkorru raġunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti preġudizzju għad-difiża tal-konvenut.[41]

Il-Qrati tagħna mhumiex favur il-formaliżmu esaġerat u fejn jistgħu jsalvaw l-atti u mhux jannullawhom. Il-prassi segwita mill-Qrati tagħna, anke a bażi tal-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-1995, inkluż l-artikolu 175 tal-Kap.12, hija li formaliżmu eżaġerat ilu ħafna li ġie mnaqqas u limitat u bir-raġun il-liġi qiegħda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formaliżmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jnutruh u konsegwentement l-atti ghandhom jiġu salvati anziché annullati jew dikjarati nulli.[42]

[39] **Ellul E. *vs*. Agnese Gera de Petri**, Appell Ċivili Superjuri, 21.04.1995.
[40] **Attard Michael *vs*. Raymond Galea,** Appell Ċivili Superjuri, 12.05.1998.
[41] **Francis Xavier *sive* Mose Aquilina *vs*. Carmela *sive* Lina Aquilina**, Appell Ċivili Superjuri, 21.03.1988.
[42] Charles **Fino *vs*. Alfred Fabri *noe***, Q.A., 28.02.1997; **Malta Development Corporation *vs*. Paul Licari**, P.A., 22.04.2004; **Maurizio Urso *vs*. Fr. Charles Cini**, P.A., 19.01.1999; **Ellul *vs.* Coleiro**, Q.A., 24.01.1994; **Guillaumier Industries Ltd *vs*. Fava *et***, P.A., 28.10.1998; **Attard *noe vs*. Galea**, Q.A., 12.05.1998 u **Aquilina *vs*. Cassar**, Kollez. Vol.LXXVI.IV.666.

Tqis fir-rigward tal-eċċezzjonijiet fil-mertu, senjatament it-tielet eċċezzjoni tas-soċjetajiet konvenuti, u ċjoè li kienet is-soċjetà attriċi li kisret il-ftehim, is-soċjetà konvenuta Joliet Technology SL issostni dan għax l-attriċi m'ottemperatx ruħha mal-arranġament ta' ħlas miftiehem meta naqset li tipprovdi *letter of credit* jew tagħmel *bank transfer* pagabbli entro sittin ġurnata *"from notification of shipping"* kif kien oriġinarjament miftiehem bejn il-partijiet.

Illi għal dik li hija l-interpretazzjoni ta' kuntratti, l-artikolu 1002 tal-Kap. 16 jipprovdi li *pacta sunt servanda,* ċjoè:

> "Meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni."

Illi f'dan ir-rigward fis-sentenza fl-ismijiet **Nazzareno Vella *noe. et. vs.* Joseph Abela *noe. et.***,[43] intqal dan li ġej:

> "Meta l-kliem tal-att huma ċari l-interpretu għandu joqgħod għal dan il-kliem u mhux jirrikorri għall-konġetturi ... Però fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni ma hijiex l-interpretazzjoni tal-kontendenti għall-kliem tal-konvenzjoni jew is-sens divers minnhom lilhom mogħti li jiswa imma hu l-qari oġġettiv tal-ġudikant li jagħti l-kliem is-sens ordinarju tiegħu, fil-kuntest ta' kif ġie użat mill-kontraenti, li għandu joqgħod. Jekk għall-ġudikant id-diċitura użata ma tistax ma twassalx oġġettivament għal sens ċar u univoku hu dan is-sens illi għandu jfisser il-volontà espressa mill-kontraenti fil-konvenzjoni taħt eżami. Hu biss meta t-termini tal-kuntratt huma oskuri li jrid jiġi kkunsidrat dawk il-pattijiet li l-kontraenti riedu."

[43] Q.A., 14.01.2002.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Gemma Fenech *vs.* John Bugeja** ġie ritenut illi:

> "Tajjeb li jiġi osservat ukoll qabel kull konsiderazzjoni tal-meritu illi hu paċifiku f'materja ta' interpretazzjoni ta' kuntratti illi meta d-diċitura tal-kuntratt tkun waħda ċara allura ma huwiex leċitu għall-Qorti li tittanta tinterpretah billi tindaħal x'kienet il-motivazzjoni tal-kontraenti meta kkonkludew il-ftehim. Dan kif jinsab rispekkjat ukoll fl-artikolu 1002 tal-Kap. 16."[44]

Illi l-artikolu 1003 tal-Kap. 16 jgħid li meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi ħsiebhom il-partijiet kollha, kif ikun jidher ċar mill-pattijiet meħudin kollha flimkien, għandha tgħodd l-intenzjoni tal-partijiet. Għalhekk hija konsentita l-interpretazzjoni biss jekk mill-kumpless tal-kuntratt innifsu jkun jidher ovvju li l-partijiet ma jkunux riedu tabilħaqq ifissru dak li kitbu. Imma min-naħa l-oħra meta l-kontraenti jkunu taw espressjoni bil-kitba tal-volontà tagħhom, l-ebda inġerenza mhi tollerabbli biex timla l-*lacuna* ta' dak li wieħed mill-kontraenti seta' kellu *in forma mentis,* li b'danakollu ma ġietx ukoll hekk minnu espressa.[45]

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Lay Lay Company Limited vs. L-Għajn Construction Company Limited**[46], ingħad:

> "Hawnhekk opportun li jiġu ribaditi ċerti prinċipji regolanti materji ta' kuntratti –
>
> i) F'materja kontrattwali l-ftehim hu liġi għall-partijiet kontraenti (Art. 992 (1) Kodiċi Ċivili; **Carmelo Bajada *noe. vs.* Fr. S. Cachia *et. noe.*** (A.K. deċiż 16 ta' Lulju, 1973);

[44] Q.A., 20.10.2003.
[45] Sentenza fl-ismijiet **Paul Camilleri *et. vs.* Joseph Glanville *et. noe. et***., P.A., 28.04.2003.
[46] Q.A., 28.06.2011.

ii) Ir-regola fundamentali hija dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodici Ċivili li jgħid li meta l-kliem tal-kuntratt meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar m'hemmx lok għal interpretazzjoni **(Kollez. Vol.XXXIV.Pt.i.pġ.27).** L-interpretazzjoni għandha tittieħed mill-att innifsu u mhux minn provi estraneji, speċjalment meta l-interpretazzjoni hija relattiva għall-kwistjoni prinċipali.

iii) Illi meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx mal-intenzjoni tal-partijiet kontraenti kif tidher ċar mill-pattijiet meħudin flimkien, għandha tipprevali l-intenzjoni. Dwar dan din il-Qorti, diversament presjeduta, spjegat illi "din ir-regola għandha tiġi sewwa apprezzata u applikata. Irid jirriżulta bla dubju li s-sens tal-klawsola li tkun jista' biss jiġi interpretat b'mod univoku għax hu ċar. Irid jirriżulta wkoll li dan is-sens ċar tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'moħħom il-partijiet kollha u mhux ma' dak biss li xi waħda mill-partijiet kellha f'rasha u dan irid jidher mill-pattijiet kollha tal-kuntratt meħudin flimkien" (**J. Bartolo *et. vs.* A. Petroni** deċiża 7 ta' Ottubru, 1997).

iv) Fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni mhux l-interpretazzjoni tal-kontendenti għall-kliem tal-ftehim jew is-sens divers li huma jagħtu lill-kliem li jiswa, imma dak li huwa importanti "hu l-qari oġġettiv tal-ġudikant li jagħti lill-kliem is-sens ordinarju tiegħu fil-kuntest ta' kif ġie użat mill-kontraenti li għandu jorbot" (**J. Zammit *vs.* Michael Zammit Tabone *et. noe.*** – Appell Superjuri deċiż 28 ta' Frar, 1997)."

Illi jekk dawn il-prinċipji ġuridiċi li jitnisslu mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna jiġu applikati għall-fattispeċi tal-kawża odjerna, joħroġ ċar illi filwaqt li mill-kliem tal-*proforma invoice* li saret kuntratt bejn il-partijiet hekk kif ġiet aċċettata mis-soċjetà attriċi mal-ħlas tad-depożitu, jingħad:

*"Please sign and return this Proforma invoice by fax, email or post together with a payment of 25% of the order value by bank transfer to confirm your order. The balance of the order value is payable by international letter of credit or bank transfer at 60 days from notification of shipping."*

Illi mill-provi ħareġ ċar illi s-soċjetà attriċi kellha l-għażla bħala metodu tal-ħlas tal-bilanċ, illi jew tagħmel *letter of credit* fejn tobbliga ruħha irrevokabilment li ser tħallas fi żmien 60 jum minn meta tkun notifikata bix-*shipping documents* jew li tagħmel *bank transfer* fi żmien 60 jum minn meta tkun notifikata bl-imsemmija dokumenti. Jekk il-ħsieb tas-soċjetà konvenuta Joliet Technology SL b'xi mod ma kienx dan, anzi kif isostni hi, il-ħlas tal-bilanċ kellu jsir skont il-prassi kummerċjali normali li tintbagħat *letter of credit* qabel is-*shipping* tal-merkanzija, dan ma jirriżultax mill-kuntratt innifsu u lanqas ma jirriżulta mill-provi prodotti mis-soċjetà attriċi u saħansitra lanqas ma jirriżulta li kien il-ħsieb tas-soċjetà konvenuta stess meta din tramite Paul Brown qabel ma ġie finalizzat il-ftehim, kitbet:

> *"In view of the temporary increase in the deposit payment, we are happy to extend the credit payment period for the balance payment to 60 days by bank transfer or letter of credit on presentation of shipping documents. We will revert to our original conditions as soon as we see the currency stabilize."*

Illi evidentement m'hemmx il-ħtieġa ta' ebda interpretazzjoni ta' dak li tassew ġie miftiehem mill-partjiet, peress li jirriżulta b'mod ċar li l-intenzjoni tal-partijiet meta sar l-ftehim kienet li l-ħlas permezz ta' *bank transfer* ma kienx limitat biss għad-depożitu, iżda kien japplika wkoll għall-bilanċ u dan kien jinkludi fih *credit payment period* ta' sittin ġurnata mingħajr il-ħtieġa li tiġi ppreżentata *letter of credit* qabel ix-*shipping*. Veru teżisti l-prattika kummerċjali fejn ħafna drabi l-bejjiegħ jinsisti għal *letter of credit* qabel is-*shipping* meta jingħata kreditu, iżda dan mhuwiex xi terminu impliċitu f'kull ftehim kummerċjali, aktar u aktar meta l-partijiet ikunu ftiehmu mod ieħor espressament fi ftehim kummerċjali bħal dak odjern. Skont il-prattika

kummerċjali jista' lanqas ma jingħata kreditu bħal meta it-transazzjoni tkun *cash in advance* jew meta biex iħajjar xerrej, bejjiegħ jista' ma jitlobx garanziji. Fil-prattika kummerċjali jeżistu mezzi oħra apparti *letters of credit* bħal *open account, documentary collections, documents against acceptance* jew *documents against payment.*

Għalhekk mill-provi jirriżulta li effettivament il-partijiet ma kinux stipulaw fil-kuntratt inkwistjoni li s-soċjetà attriċi kellha b'mod tassattiv toħroġ *letter of credit* fir-rigward tal-bilanċ man-notifika tax-*shipment.* Jirriżulta għalhekk mill-provi prodotti li kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet kuntrattwali da parti tas-soċjetà konvenuta Joliet Technology SL (i) meta din baqgħet ma bagħtitx il-merkanzija fiż-żmien miftiehem; (ii) kif ukoll meta din insistiet żbaljatament għal-*letter of credit* bħala garanzija qabel is-*shipment;* (iii) u peress li mill-provi rriżulta wkoll li s-soċjetà konvenuta Joliet Technology SL sabet ruħha fl-impossibilità li tissupplixxi lis-soċjetà attriċi l-*inverter* miftiehem stante li meta ġie finalizzat il-ftehim bejn il-partijiet, jirriżulta mill-provi li dan kien diġà obsolet.

Tqis li lanqas ir-raba' u l-ħames eċċezzjoni tas-soċjetajiet konvenuti ma jreġġu, sa fejn is-soċjetà konvenuta Joliet Technology SL baqgħet tinsisti li għadha disposta li tissupplixxi l-merkanzija inkwistjoni, ġaladarba kif fuq intqal, il-kuntratt *de quo* ġie meqjus maħlul *ipso iure*.

## Decide

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' l-ewwel l-eċċezzjoni tas-soċjetajiet konvenuti li s-soċjetà Joliet Technology France SARL ma kellha ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà attriċi u għalhekk qiegħda tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;**

2. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħrajn kollha tas-soċjetajiet konvenuti *stante* li mhumiex mistħoqqa;**

3. **Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi b'dan li tiddikjara li s-soċjetà konvenuta Joliet Technology SL kienet responsabbli għall-ksur tal-kundizzjonijiet u obbligazzjonijiet kuntrattwali pattwiti bejn il-partijiet u konsegwentement dan kellu l-konsegwenza li l-ftehim bejn il-partijiet ġie maħlul *ipso jure;***

4. **Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta Joliet Technology SL tirrifondi lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tlieta u ħamsin elf u tnax-il Euro u ħamsin ċenteżmu (€53,012.50), li kienu tħallsu mis-soċjetà attriċi bħala depożitu skont it-termini pattwiti bejn il-partijiet għall-fornitura li ma ġietx eżegwita mis-soċjetà konvenuta Joliet Technology SL;**

5. **Konsegwentement tordna lis-soċjetà konvenuta Joliet Technology SL tħallas lura lis-soċjetà attriċi Proinvest Limited is-somma ta' tlieta u ħamsin elf u tnax-il Euro u ħamsin ċenteżmu (€53,012.50).**

**Bl-imgħaxijiet legali mit-30 ta' Marzu, 2011 kontra s-soċjetà konvenuta Joliet Technology SL. Bl-ispejjeż għandhom jiġu sopportati kwantu għall-ħamsa minn sitta mis-soċjetà konvenuta Joliet Technology SL, u kwantu għal wieħed minn sitta mis-soċjetà attriċi Proinvest Limited.**

Moqrija.